**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 12 ta' Jannar, 2016**

**Rikors Guramentat numru:- 22/2014JVC**

**Paul Portelli u Agnes konjugi Portelli**

**Vs**

**William Portelli**

Il-Qorti,

Rat r-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

1) Illi l-esponenti huma fil-pussess ta' porzjon raba "Tal-Wilga" in parti fil-limiti ta' Xewkija u in parti tan-Nadur, accessibbli minn Triq Kampestri maghrufa bhala Triq Bordin, liema raba hija ahjar murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A;

2) Illi f'xi jiem bejn l-10 u l-20 ta' Marzu 2014, il-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-esponenti, meta, personalment jew permezz ta' terzi, huwa qabad u dahal go dik ir-raba u haratha, u qered ghal kollox il-wicc ta' zergha u qamh li l-esponenti kellhom lest kawzi ghall-hsad f'dik ir-raba;

3) Illi ghalkemm mitlub sabiex jisporga l-ispoll vjolenti u klandestin kommess minnu, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-danni tal-atturi meta f'xi jiem bejn l-10 u l-20 ta' Marzu 2014, qabad u dahal gor-raba porzjon raba "Tal-Wilga" in parti fil-limiti ta' Xewkija u in parti tan-Nadur, accessibbli minn Triq Kampestri

maghrufa bhala Triq Bordin u haratha, u qered ghal kollox il-wicc ta' zergha u qamh li l-istess rikorrenti kellhom lest kwazi ghall-hsad f'dik ir-raba;

(2) Tikkundannah sabiex jisporga l-ispoll hekk kommess minnu billi tirripristina lill-atturi fil-pussess tar-raba hawn fuq imsemmija u dan b'dawk il-kundizzjonijiet li jigu stabbiliti minn din l-istess Qorti.

Bl-ispejjez kontra tieghu.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa hu ngunt.

Bir-rizerva tal-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-agir abbuziv u llegali tieghu.

Rat ir-risposta guramentata ta' William Portelli fejn eccepixxa:

(1) Illi fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap. 12 il-konvenut qieghed jikkontesta l-premessi u fatti kollha dikjarati fir-Rikors Guramentat;

(2) Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi ma jissussistux l-elementi ta' spoll sabiex tirnexxi din il-kawza;

(3) Illi b'mod partikolari ma jezistix l-element tal-pussess rikjest mil-Ligi stante illi l-pussess tar-raba' mertu tal-kawza kien u ghadu ghand l-intimat William Portelli;

(4) Illi in oltre din it-talba hija ntempestiva stante illi diga' hemm proceduri quddiem ic-Centru Malti tal-Arbitragg fejn qed tigi deciza l-kwistjoni dwar min qed jahdem ir-raba' mertu tal-kawza, liema arbitragg ghandu n-numru PA 3361/2012;

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Rat ix-xhieda u l-provi kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2015 il-partijiet iddikjaraw li qed jaghlqu l-provi u l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor f'din il-kawza huma li l-atturi Paul u Agnes Portelli jsostnu li huma kienu fil-pussess ta' raba maghrufa bhala 'Tal-Wilga' fil-konfini bejn ix-Xewkija u n-Nadur. Isostnu li f'Marzu tas-sena 2014 huma kellhom iz-zergha f'din ir-raba u li l-konvenut jew persuni mqabbda minnu fil-jiem bejn l-10 u l-20 ta' Marzu, 2014 dahal fl-istess raba u harat nofs l-istess raba bir-rizultat li giet meqruda zergha li kien hemm fl-istess raba.

Da parti tieghu l-konvenut ma jichadx li kienet persuna mqabda minnu li hartet nofs din ir-raba' b'rizultat li nqerdet iz-zergha izda l-konvenut isostni li dan seta' jaghmlu ghaliex dik il-parti mir-raba' mahruta minnu jew fuq ordni tieghu hija tieghu u li hu ghalkemm huwa residenti fil-Kanada jigi ghal perjodi ta' tliet xhur kull sena sabiex jahdem ir-raba li ghandu f'Ghawdex inkluz din ir-raba. Il-konvenut isostni li ghalkemm fis-sena 2012 huwa ma hadimx ir-raba ghaliex sab li kien hemm id-dulliegh fiha bhalma kien hemm f'dik ta' huh l-attur li hija adjacenti, fis-sena 2013 huwa jghid li harat l-istess raba'. Isostni wkoll li fis-sena 2012 huwa kien sar jaf li huh l-attur Paul Portelli kien irregistra r-raba' proprjeta' tieghu cioe' dik il-parti mahruta mill-konvenut bhala li jahdimha Paul Portelli u li rizultat ta' hekk kienu nfethu proceduri ta' arbitragg li ghadhom pendenti u ntizi sabiex jiddeterminaw min effettivament jahdem ir-raba' in kwistjoni. Sa mis-sena 2012 jirrizulta fil-fatt li s-sussidju li kien jircievi Paul Portelli gie mwaqqaf u l-ghalqa ma baqghetx registrata fuq l-attur Paul Portelli u ma hi registrata fuq hadd pendenti l-proceduri ta' arbtiragg bejniethom (ara xhieda ta' Joseph Borg u Arthur Bajada a fol. 108 et seq u 112 et seq tal-process flimkien mad-dokumenti esebiti).

L-attur Paul Portelli jsostni li hu baqa' dejjem fil-pussess ta' din l-ghalqa sal-mument tal-allegat spoll filwaqt li William Portelli jsostni li l-attur

hadem l-ghalqa bil-mohbi tieghu ghaliex huwa kien il-Kanada u li f'din il-kawza jonqos fl-attur l-element tal-pussess.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodicci ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie*

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anki qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.*

[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

(MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Provi:**

Illi dwar l-element tal-*infra bimestre* gie ammess mill-istess konvenut li r-raba' in kwistjoni giet mahruta minnu f'Marzu, 2014. Fil-fatt a fol. 45 tal-process mistoqsi mill-Avukat Carmelo Galea jekk haratx ir-raba' in kwistjoni bejn l-ghaxra u l-ghoxrin ta' Marzu huwa jirrispondi 'Dak iz-zmien hrattu'. Li l-hart sar dak iz-zmien jikkonfermah ukoll Anthony Cassar permezz ta' affidavit esebit fl-atti tal-arbitragg u li jgib id-data tal-1 ta' April, 2014 kopja tieghu esebita fl-atti a fol 59. Jirrizulta wkoll li zgur il-hart ma kienx ghadu sar fit-3 ta' Marzu, 2014 stante li dan huwa evidenzjat mir-ritratt a fol. 7 tal-process datat 3 ta' Marzu, 2014 fejn tidher ir-raba' kollha biz-zergha kollha ghadha intatta. Il-kawza odjerna giet prezentata fid-9 ta' April, 2014 ben entro t-terminu tax-xahrejn mpost mill-ligi. Jirrizulta ghalhekk li l-element taz-zmien huwa sodisfatt;

Illi fir-rigward tal-att spoljattiv dan ukoll jirrizulta pruvat abbondantament fl-atti ta' din il-kawza u huwa ammess minghajr ebda ezitazzjoni da parti tal-konvenut fejn a fol. 15 tal-process mistoqsi mill-Avukat Dr. Carmelo Galea kif isegwi:

'Taqbel li r-ritrat tas-sebgha (7) ta' April two thousand and fourteen a fol. 7 tal-process juri r-raba wara li hrattu int?'

William Portelli jirrispondi 'Dik li hratt jien. Dik il-bicca tieghi.'

Aktar 'il isfel a fol. 16 William Portelli jixhed ukoll 'Le mhux jien zrajtu, zergha hu, u jien hrattu.' Ghal aktar minn darba fix-xhieda tieghu ikompli jikkonferma li huwa harat ir-raba u jispecifika illi 'qabbadt wiehed bit-traktor biex jahartu, ghandi nidhol. Hu m'ghandu l-ebda dritt li jidhol jizra' x-xejr go tieghi.'

Li l-hart sar fuq ordni u fuq struzzjoni ta' William Portelli jikkonfermah ukoll Anthony Cassar fl-affidavit tieghu a fol. 59 tal-process.

Minn dak suespost u mill-bqija tal-provi fl-atti jirrizulta lil din il-Qorti li ma hemmx dubju li l-att spoljattiv sar u li dan sar fuq ordni ta' William Portelli ghalhekk dan l-element jirrizulta wkoll sodisfatt.

Jibqa' li jigi deciz izda jekk fil-mument li sehh l-att in kwistjoni l-atturi kellhomx effettivament il-pussess tal-ghalqa in kwistjoni. L-atturi ressqu diversi xhieda quddiem il-Qorti li kkonfermaw li huma lil Paul Portelli jaraw fl-ghalqa u li raw lilu jaghmel iz-zergha fis-sena 2014 u li lil William Portelli ma jafuhx 'il hemm. Fost dawn xehdu Joseph Said a fol. 27 et seq tal-process u Joseph Portelli a fol. 29 et seq tal-process. Xehdet ukoll oht il-partijiet Rita Portelli permezz ta' affidavit a fol. 60 tal-process kif ukoll a fol. 66 et seq tal-proces li kkonfermat li kienet taf li Paul Portelli fi kliemha kien dahallu fl-ghalqa lil William Portelli. Apparti minn hekk ikkonfermat ukoll dak li l-istess konvenut ikkonferma fix-xhieda tieghu li fis-sena 2012 it-tnejn kienu jafu li kien hemm id-dulliegh ta' Paul Portelli f'din il-parti tal-ghalqa u li lil Paul Portelli ma qalulu xejn anzi hallew kollox hemm.

William Portelli jsostni li fis-sena 2013 huwa harat l-ghalqa in kwistjoni, filwaqt li Paul Portelli jichad dan kollu u jsostni li fl-2013 huwa hadem ir-raba bhal kull sena ohra. Bhala prova li hadem hu ir-raba', William Portelli ressaq ritratt a fol. 100 tal-process li allegatament skont l-Avukat tieghu ttiehed f'April tas-sena 2013. Dan ir-ritratt filwaqt li ma ghandu xejn li juri meta effettivament ittiehed, juri biss li l-ghalqa mahruta izda bl-ebda mod ma jevidenzja min haratha.

Il-konvenut William Portelli qed jinsisti mal-Qorti li huwa proprjetarju ta' din il-parti tal-ghalqa in parti bhala qbiela in parti bhala proprjeta' indiviza ma' huh stess l-attur it-tnejn moghtija minn ommhom. L-attur da parti tieghu jsostni li huwa feda xi cens fuq din ir-raba'. Huwa evidenti li l-partijiet mhux jaqblu min ghandu titolu fuq fejn fir-rigward ta' din ir-raba' izda din il-Qorti fl-istadju ta' kawza ta' spoll mihjiex rikjesta u lanqas tista' tidhol fi kwistjoni ta' titolu tal-art in kwistjoni. Il-Qorti hija biss mehtiega li tinvestiga jekk l-atturi kellhomx il-pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anki qasir hafna basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza fil-mument li William Portelli ddecieda li jahrat l-istess ghalqa.

Din il-Qorti hija konvinta li l-konvenut kien jaf ben tajjeb li huh Paul Portelli kien qed jaghmel uzu minn din l-ghalqa u dan mill-anqas sa

mis-sena 2012 meta sar jaf li kienet irregistrata ghal skop ta' sussidju fuq Paul Portelli tant li nfethu l-proceduri ta' arbitragg. Skont oht il-partijiet Rita Portelli a fol. 66 et seq tal-process, il-konvenut talab diversi drabi lil Paul Portelli biex johrog mill-ghalqa izda dan baqa' jirrifjuta tant li fl-2014 kien rega' ghamel iz-zergha fl-ghalqa u kien qed jistenna li din tilhaq sabiex ikun jista' jahsadha. William Portelli kien konxju b'dan kollu izda flok stenna l-ezitu tal-arbtiragg pendenti bejniethom li ghandu l-iskop li jiddeciedi b'mod finali min jahdem ir-raba' in kwistjoni ghall-fini ta' sussidju, iddecieda li jiehu l-ligi b'idejh u jaqbad u jmur jahrat l-ghalqa li jsostni li hi tieghu rizultat li ddistrugga z-zergha kollha kif jidher car mir-ritratt a fol. 7 tal-process datat 7 ta' April, 2014. Il-Qorti tqis li zgur mill-mument li l-attur Paul Portelli ghamel iz-zergha fir-raba' in kwistjoni huwa kellu l-pussess effettiv ta' din ir-raba' u din kienet ghadha is-sitwazzjoni fil-mument li William Portelli b'mod arbtirarju u minghajr ebda awtorizzazzjoni ddecieda li jahrat l-ghalqa u jiddistruggi dak kollu li kien hemm fiha. Il-Qorti ghalhekk tqis li anki dan it-tielet element neccessarju sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll huwa sodisfatt.

In vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tqis li t-talbiet attrici gew sodisfacjentement pruvati u li t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut ghandhom jigu michuda.

Finalment jonqos li din il-Qorti tiehu kont tar-raba' eccezzjoni tal-konvenut li ssostni kif isegwi:

'Illi in oltre din it-talba hija ntempestiva stante illi diga' hemm proceduri quddiem ic-Centru Malti tal-Arbitragg fejn qed tigi deciza l-kwistjoni dwar min qed jahdem ir-raba' mertu tal-kawza, liema arbitragg ghandu n-numru PA 3361/2012.'

Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-eccezzjoni stante li bl-argument tal-konvenut allura kull arbtiragg pendenti jista' jgib fix-xejn il-protezzjoni offerta lic-cittadin tramite l-kawzi ta' spoll, cioe' id-dritt li hadd ma jiehu l-ligi b'idejh u li min jigi spoljat jigi ripristinat fil-pussess tal-proprjeta' in kwistjoni pendenti kwalunkwe kawza ohra relatata mad-dritt reali fuq l-istess proprjeta', '*spoliatur ante omnia restituendum*'. Skont il-konvenut la darba kien hemm abritragg pendenti allura huwa kellu kull dritt ibiddel l-istatus quo u jikkommetti spoll lampanti minghajr mal-attur ikollu r-rimedju sancit fil-ligi tal-ispoll. Se mai la darba l-ghan tal-abritragg kien li jistabilixxi min qed jahdem ir-raba' l-konvenut kellu jassigura li jhalli l-

istatus quo ezistenti u mhux jikkommetti l-att spoljattiv li gie ampjamanet pruvat quddiem din il-Qorti fl-atti ta' din il-kawza. Il-Qorti ghalhekk ser tichad ukoll ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut bhala legalment infondata.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tiddikjara li William Portelli kkometta spoll vjolenti u klandestin ghad-danni tal-atturi meta f'xi jiem bejn l-10 u l-20 ta' Marzu 2014, qabad u dahal gol-porzjon raba 'Tal-Wilga' in parti fil-limiti ta' Xewkija u in parti tan-Nadur, accessibbli minn Triq Kampestri maghrufa bhala Triq Bordin u haratha, u qered ghal kollox il-wicc ta' zergha u qamh li l-istess rikorrenti kellhom lest kwazi ghall-hsad f'dik ir-raba;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jisporga l-ispoll hekk kommess minnu billi jirripristina lill-atturi fil-pussess tar-raba imsemmija u dan billi bl-ebda mod ma ghandu jfixkel lill-atturi fil-pussess ta' din ir-raba pendenti kwalunkwe proceduri ohra gia pendenti jew ohra li ghad iridu jsiru li jistghu jiddeterminaw ta' min hu d-dritt li jahdem ir-raba in kwistjoni jew id-dritt reali fuq ir-raba' msemmija.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

B'riserva ghal kwalunkwe azzjoni ta' rizarciment ta' danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-agir tal-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur